SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

13 ta' Settembru 2018 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2005/29/KE – Prattiki kummerċjali żleali – Artikolu 3(4) – Kamp ta' applikazzjoni – Artikoli 5, 8 u 9 – Prattiki kummerċjali aggressivi – Punt 29 tal-Anness I – Prattiki kummerċjali aggressivi fiċ-ċirkustanzi kollha – Provvista mhux mitluba – Direttiva 2002/21/KE – Direttiva 2002/22/KE – Servizzi ta' telekomunikazzjoni – Bejgħ ta' SIM kards (*Subscriber Identity Module*, modulu ta' identifikazzjoni tal-abbonat) li għandhom ċerti servizzi installati u attivati minn qabel – Assenza ta' informazzjoni minn qabel lill-konsumaturi"

Fil-Kawżi magħquda C-54/17 u C-55/17,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' Settembru 2016, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Frar 2017, fil-proċeduri

Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

vs

Wind Tre SpA, preċedentement Wind Telecomunicazioni SpA (C-54/17),

Vodafone Italia SpA, preċedentement Vodafone Omnitel NV (C-55/17),

fil-preżenza ta':

Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (C-54/17),

Altroconsumo,

Vito Rizzo (C-54/17),

Telecom Italia SpA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Rosas, C. Toader, A. Prechal u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Marzu 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Wind Tre SpA, minn G. Roberti, I. Perego u M. Serpone, avvocati,

– għal Vodafone Italia SpA, minn F. Cintioli u V. Minervini, avvocati,

– għal Telecom Italia SpA, minn M. Siragusa u F. Caronna, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Meloncelli u S. Fiorentino, avvocati dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Cleenewerck de Crayencour, L. Nicolae kif ukoll minn L. Malferrari, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(4), tal-Artikoli 8 u 9, kif ukoll tal-punt 29 tal-Anness I, tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU 2005, L 149, p. 22), kif korrett permezz tal-Korriġendum għad-Direttiva 2005/29/KE li tħassar u tissostitwixxi t-test ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali 2005, L 149, p. 22 (ĠU L 114, 2006, p. 86), tal-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas"), kif ukoll tal-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif emendata permezz tad-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 10) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'Servizz Universali'").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, fil-Kawża C-54/17, minn naħa, l-Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (l-Awtorità Garanti tal-Kompetizzjoni u tas-Suq, l-Italja, iktar 'il quddiem l-"AGCM"), u min-naħa l-oħra, Wind Tre SpA, preċedentement Wind Telecomunicazioni SpA, (iktar 'il quddiem "Wind") u, fil-Kawża C-55/17, minn naħa, l-AGCM u, min-naħa l-oħra, Vodafone Italia SpA, preċedentement Vodafone Omnitel NV (iktar 'il quddiem "Vodafone") dwar deċiżjonijiet tal-AGCM li tissanzjona lil dawn il-kumpanniji minħabba l-implimentazzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2005/29

3 Il-premessi 10, 17 u 18 tad-Direttiva 2005/29 jipprovdu:

"(10) Hu meħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza tar-relazzjoni bejn din id-Direttiva u l-liġi Komunitarja eżistenti, b'mod partikolari fejn disposizzjonijiet dettaljati dwar prattiċi kummerċjali żleali japplikaw għal setturi speċifiċi. […] Din id-Direttiva b'hekk tapplika biss safejn m'hemmx dispożizzjonijiet ta' liġi Komunitarja speċifiċi li jirregolaw aspetti speċifiċi ta' prattiċi kummerċjali żleali, bħal rekwiżiti dwar tagħrif u regoli dwar kif it-tagħrif ikun preżentat lill-konsumatur. Hija tipprovdi ħarsien għall-konsumaturi fejn m'hemmx leġiżlazzjoni speċifika settorali fil-livell Komunitarju u tipprojbixxi lill-kummerċjanti milli joħolqu impressjoni falza tan-natura ta' prodotti. […] Din id-Direttiva konsegwentement tikkomplementa l-acquis [tal-Unjoni], li huwa applikabbli għal prattiċi ta' kummerċ li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi.

[…]

(17) Hu kunsiljabbli li dawk il-prattiċi kummerċjali li huma f'kull ċirkustanza żleali għandhom jiġu identifikati sabiex tiġi provduta ċertezza legali akbar. L-Anness I għalhekk fih lista sħiħa ta' dawn il-prattiċi kollha. Dawn huma biss il-prattiċi kummerċjali li jistgħu jiġu meqjusa żleali, mingħajr l-eżami ta' kull każ għalih fid-dawl tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 sa 9. Il-lista tista' tiġi modifikata biss b'reviżjoni tad-Direttiva.

(18) Huwa xieraq li l-konsumaturi kollha jiġu protetti minn prattiċi kummerċjali żleali; […] Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, u sabiex tiġi permessa l-applikazzjoni effettiva tal-protezzjonijiet kontenuti fiha, din id-Direttiva tieħu bħala punt ta' riferiment il-konsumatur medju, li huwa infurmat raġonevolment tajjeb u raġonevolment attent u kawt, billi tieħu kont ta' fatturi soċjali, kulturali u lingwistiċi, […] L-eżami [il-kunċett] tal-konsumatur medju mhuwiex eżami [kunċett] statistiku. Il-qrati u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jeżerċitaw il-fakoltà ta' ġudizzju tagħhom, filwaqt li jittieħed kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiddeterminaw ir-reazzjoni tipika tal-konsumatur medju f'każ determinat."

4 Skont l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, "[l]-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li tikseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur billi tapprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'konsumatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika li, fil-kuntest ta' prattiċi kummerċjali koperti minn din id-Direttiva, taġixxi għal skopijiet li huma barra mill-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha;

[…]

ċ) 'prodott' tfisser kwalunkwe merkanzija jew servizz, […]

d) ‘prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur’ (minn hawn ’il quddiem imsejħa ‘prattiċi kummerċjali’) tfisser kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inlużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta’ xi prodott lil konsumaturi;

e) ‘il-ħolqien ta’ distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika ta’ konsumatur’ tfisser l-użu ta’ prattika kummerċjali sabiex tiġi mfixkla b’mod apprezzabbli il-kapaċità tal-konsumatur li jagħmel deċiżjoni nfurmata, li bih il-konsumatur jiġi mġiegħel jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f’ċirkostanzi oħra;

[…]

h) ‘diliġenza professjonali’ tfisser l-istandard ta’ sengħa u kura speċjali li kummerċjant huwa raġonevolment mistenni li jeżerċita fir-rigward ta’ konsumaturi, proporzjonat ma’ prattika onesta fis-suq u/jew mal-prinċipju ġenerali tal-bona fidi fil-qasam ta’ attività tal-kummerċjant;

[…]

j) ‘influwenza mhux xierqa’ tfisser l-isfruttament ta’ pożizzjoni ta’ poter fil-konfront tal-konsumatur sabiex tiġi applikata pressjoni fuqu, anke mingħajr l-użu jew it-theddid ta’ l-użu tal-forza fiżika, b’mod li jillimita sostanzjalment il-kapaċità tal-konsumatur li jieħu deċiżjoni informata;

[…]”

6 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/29 huwa fformulat kif ġej:

“1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara transazzjoni kummerċjali fir-rigward ta’ xi prodott.

[…]

4. Fil-każ ta’ konflitt bejn id-disposizzjonijiet ta’ din id-Direttiva u regoli [tal-Unjoni] oħra li jirregolaw aspetti speċifiċi ta’ prattiċi kummerċjali żleali, dawn ta’ l-aħħar għandhom jipprevalixxu u japplikaw għal dawk l-aspetti speċifiċi.”

[…]”

7 L-Artikolu 5 ta’ din id-direttiva, intitolat “Projbizzjoni ta’ Prattiċi Kummerċjali Żleali”, jipprovdi:

“1. Il-prattiċi kummerċjali żleali għandhom ikunu projbiti.

2. Prattika kummerċjali tkun żleali jekk:

a) hija kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali,

u

b) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista’ toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata […].

[…]

4. B’mod partikolari, ikunu żleali dawk il-prattiċi kummerċjali li

a) jqarrqu kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7,

jew

b) jkunu aggressivi kif stabbilit fl-Artikoli 8 u 9.

5. Fl-Anness I tinsab lista ta' dawk il-prattiċi kummerċjali li għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala żleali. L-istess lista waħdanija għandha tapplika fl-Istati Membri kollha u tista tiġi modifikata biss permezz ta' revizjoni tad-Direttiva."

8 L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-Prattiċi Kummerċjali Aggressivi", jipprevedi:

"Prattika kummerċjali għandha titqies bħala aggressiva jekk, fil-kuntest fattwali tagħha, b'kont meħud tal-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, permezz ta' fastidju, kostrizzjoni, inkluż l-użu tal-forza fiżika, jew ta' influwenza mhux xierqa, tfixkel b'mod sinifikanti jew x'aktarx tfixkel konsiderevolment il-libertà ta' l-għażla jew l-imġieba tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott u b'hekk tikkawża jew x'aktarx tikkawża li huwa jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra."

9 L-Artikolu 9 tal-istess direttiva, intitolat "Użu ta' Fastidju, Kostrizzjoni u Influwenza Mhux Xierqa", fih lista ta' elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni "[f]id-determinazzjoni jekk prattika kummerċjali tużax il-fastidju, il-kostrizzjoni, inkluż l-użu tal-forza fiżika, jew l-influwenza mhux xierqa […]".

10 L-Anness I tad-Direttiva 2005/29, li jelenka l-prattiki kummerċjali meqjusa li huma żleali fi kwalunkwe ċirkustanza, taħt it-titolu "[p]rattiċi kummerċjali aggressivi", isemmi, fil-punt 29 tiegħu, il-prattika li ġejja:

"Fejn il-kummerċjant jitlob ħlas immedjat jew differit għar-ritorn jew għall-kustodja ta' prodotti forniti minnu, iżda mhux solleċitati mill-konsumatur ħlief fejn il-prodott huwa sostitut fornit konformement ma' l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 97/7/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319), kif emendata bid-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 321, rettifika fil-ĠU 2013, L 228, p. 14)] ('bejgħ mhux mitlub' ['provvista mhux mitluba']).".

Id-Direttiva Qafas

11 Skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva Qafas, din tal-aħħar "tistabbilixxi qafas armonizzat għar-regolazzjoni tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, tal-faċilitajiet assoċjati u tas-servizzi asssoċjati, u għal ċerti aspetti tat-tagħmir terminali sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-utenti finali b'diżabilità. Tistabbilixxi l-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tistabbilixxi lista ta' proċeduri biex tiżgura l-applikazzjoni armonizzata tal-qafas regolatorju f'kull parti tal-[Unjoni]."

12 L-Artikolu 2(g) tad-Direttiva Qafas jiddefinixxi l-kunċett ta' "awtorità nazzjonali regolatorja" (iktar 'il quddiem l-"ANR") bħala "korp jew kopri fdati minn Stat Membru b'xi wieħed mix-xogħlijiet regolatorji assenjati f'din id-Direttiva jew fid-Direttivi Speċifiċi". Skont dan l-Artikolu 2(l), id-Direttiva "Servizz Universali" hija waħda mid-direttivi speċifiċi.

13 L-Artikolu 3 tad-Direttiva Qafas jirregola l-allokazzjoni tal-kompiti lill-ANR u l-kundizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu sabiex jiżguraw it-twettiq ta' dawn il-kompiti.

14 L-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, intitolat "Miri politiċi u prinċipji regolatorji", jipprevedi fil-paragrafu 4(b) tiegħu:

"L-[ANR] għandhom jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea billi fost ħwejjeġ oħra:

[…]

b) jassiguraw livell għoli ta' protezzjoni ta' konsumaturi meta jittrattaw mal-provdituri, b'mod partikolari billi jassiguraw id-disponibilità ta' proċeduri sempliċi u mhux għaljin fir-riżoluzzjoni ta' tilwim mwettqa minn korp li jkun indipendenti mill-partijiet involuti".

Id-Direttiva "Servizz Universali"

15 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva "Servizz Universali"

"1. Fl-ambitu tal-qafas tad-[Direttiva Qafas], din id-Direttiva tikkonċerna l-fornimet ta' networks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika lil utenti finali. L-għan huwa li tiġi żgurata d-disponibilità mal-[Unjoni] kollha ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' kwalità tajba permezz ta' kompetizzjoni effettiva u għażla u biex tittratta ċ-ċirkostanzi li fihom il-ħtiġijiet tal-utenti finali ma jkunux sodisfatti b'mod sodisfaċjenti mis-suq. […]

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi d-drittijiet tal-utenti finali u l-obbligi korrispondenti li jaqgħu fuq l-impriżi li jipprovdu n-networks u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli. […]

[…]

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-utenti finali għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-regoli [tal-Unjoni] dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, […], u r-regoli nazzjonali f'konformità mal-liġi [tal-Unjoni]."

16 L-Artikolu 20 tad-Direttiva "Servizz Universali" jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jabbonaw għal servizzi li jipprovdu konnessjoni lil network ta' komunikazzjonijiet pubbliċi u/jew servizzi tal-komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli, konsumaturi, u utenti oħra aħħarin li hekk jitolbu, għandhom dritt għal kuntratt ma' impriża jew impriżi li jipprovdu tali konnessjoni u/jew servizzi." Din id-dispożizzjoni tinkludi, barra minn hekk, lista ta' elementi li dan il-kuntratt għandu jispeċifika, bħalma huma s-servizzi pprovduti u d-dettalji tal-prezzijiet u t-tariffi applikati.

17 L-Artikolu 21 ta' din id-direttiva, intitolat "Trasparenza u pubblikazzjoni tal-informazzjoni", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-[ANR] jkunu jistgħu jobbligaw lill-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika u/jew servizzi pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku biex jippubblikaw informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, kwalunkwe ħlasijiet minħabba t-terminazzjoni ta' kuntratt u informazzjoni dwar termini u kondizzjonijiet standard fir-rigward tal-aċċess u l-użu tas-servizzi tagħhom pprovduti minnhom lill-utenti finali u lill-konsumaturi skont l-Anness II. Din l-informazzjoni għandha tkun ippubblikata f'forma ċara, komprensiva u li tkun faċilment aċċessibbli. […]"

Id-dritt Taljan

18 Id-decreto legislativo nº 206 – Codice del consumo, a norma dell'articolo 7 della legge 29 luglio 2003, nº 229 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 206 dwar il-Kodiċi tal-Konsumatur skont l-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 229, tad-29 ta' Lulju 2003), tas-6 ta' Settembru 2005 (Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 235, tat-8 ta' Ottubru 2005), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Konsumatur"), jinkludi Artikolu 19, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", li jipprevedi:

"1. Dan it-titolu għandu japplika għall-prattiki kummerċjali żleali bejn il-professjonisti u l-konsumaturi implimentati qabel, matul u wara tranżazzjoni kummerċjali li tirrigwarda prodott, […]

[…]

3. F'każ ta' kontradizzjoni, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-direttivi jew f'dispożizzjonijiet oħra [tal-Unjoni] u fid-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni li jirregolaw aspetti speċifiċi tal-prattiki kummerċjali żleali jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu u japplikaw għal dawk l-aspetti speċifiċi."

19 L-Artikolu 20 ta' dan il-kodiċi jipprojbixxi l-prattiki kummerċjali żleali f'termini li huma essenzjalment identiċi għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29.

20 L-Artikoli 24 u 25 kif ukoll l-Artikolu 26(1)(f) tal-imsemmi kodiċi jirrigwardaw il-prattiki kummerċjali aggressivi u jirriproduċu, essenzjalment, il-formulazzjonijiet rispettivi tal-Artikoli 8 u 9 kif ukoll tal-punt 29 tal-Anness I ta' din id-Direttiva.

21 L-Artikolu 27(1a) tal-Kodiċi tal-Konsumatur, kif inkluż permezz tal-Artikolu 1(6)(a) tad-decreto legislativo nº 21 – Attuazione della direttiva 2011/83/UE sui diritti dei consumatori, recante modifica delle direttive 93/13/CEE e 1999/44/CE e che abroga le direttive 85/577/CEE e 97/7/CE (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 21 li jimplimenta d-Direttiva 2011/83/UE dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE), tal-21 ta' Frar 2014 (GURU Nru 58, tal-11 ta' Marzu 2014, p. 1) huwa fformulat kif ġej:

"Anki fis-setturi rregolati, skont l-Artikolu 19(3), is-setgħa sabiex taġixxi kontra l-imġiba tal-professjonisti li hija kkostitwita minn prattika kummerċjali irregolari, mingħajr preġudizzju għall-osservanza tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, hija, esklużivament, tal-[AGCM], li għandha teżerċita din is-setgħa abbażi tal-kompetenzi previsti f'dan l-artikolu, wara li tikseb l-opinjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti. Din ir-regola hija bla ħsara għas-setgħa tal-awtoritajiet regolatorji biex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fil-każijiet ta' ksur tal-leġiżlazzjoni li ma jkunx jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali. L-awtoritajiet jistgħu jirregolaw permezz ta' ftehimiet ta' qbil l-aspetti ta' applikazzjoni u ta' proċedura tal-kollaborazzjoni tagħhom fl-kuntest tas-setgħat rispettivi tagħhom."

22 Id-decreto legislativo nº 259 – Codice delle comunicazioni elettroniche (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 259 li jistabbilixxi l-Kodiċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi), tal-1 ta' Awwissu 2003 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 214, tal-15 ta' Settembru 2003, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi"), jinkludi sensiela ta' dispożizzjonijiet intiżi għall-protezzjoni tal-konsumaturi fis-settur speċifiku tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, peress li s-setgħat regolatorji u ta' sanzjoni korrispondenti huma fdati lill-Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (l-Awtorità għall-garanziji fil-komunikazzjonijiet, l-Italja, iktar 'il quddiem l-"AGCom"), awtorità settorjali. B'mod partikolari, dan il-kodiċi, fl-Artikolu 70 tiegħu, jittrasponi l-Artikolu 20 tad-Direttiva "Servizz Universali" u, fl-Artikolu 71 tiegħu, jittrasponi l-Artikolu 21 ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, il-kodiċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jagħti lill-AGCom kompiti speċifiċi ta' regolamentazzjoni *ex ante* u ta' kontroll *ex post* għall-protezzjoni tal-konsumaturi tas-settur, peress li b'mod partikolari l-Artikolu 98 tal-imsemmi kodiċi jattribwixxilu prerogattivi fil-qasam ta' sanzjoni.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

23 Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tas-6 ta' Marzu 2012, l-AGCM issanzjonat lil Wind u lil Vodafone għal prattiki simili, li jikkonsistu fil-kummerċjalizzazzjoni, minn dawn il-kumpanniji, ta' SIM kards (*Subscriber Identity Module*, modulu ta' identifikazzjoni tal-abbonat), li fuqhom kienu installati u attivati minn qabel ċerti funzjonijiet, bħal servizzi ta' navigazzjoni fuq l-internet u ta' messaġġi vokali, li l-ispejjeż tal-użu tagħhom kienu ffatturati lill-utent jekk dawn is-servizzi ma jkunux ġew diżattivati fuq it-talba espressa tiegħu, u dan mingħajr ma dan l-utent ma jkun ġie informat minn qabel dwar l-eżistenza tal-imsemmija servizzi jew dwar in-natura oneruża tagħhom.

24 L-AGCM qieset li tali prattiki, li permezz tagħhom dawn il-kumpanniji kienu awtomatikament attivaw is-servizzi inkwistjoni fuq dawn is-SIM kards, mingħajr ma kisbu minn qabel il-kunsens tal-konsumatur, għaldaqstant bl-espożizzjoni tiegħu għal possibbiltà ta' djun li huwa ma kienx jaf bihom, kienu jaqgħu fil-kategorija tal-prattiki kummerċjali aggressivi, fis-sens tal-Artikoli 24 u 25 kif ukoll tal-Artikolu 26(1)(f) tal-Kodiċi tal-Konsumatur. Għaldaqstant, hija imponiet multa ta' EUR 200 000 fuq Wind u multa ta' EUR 250 000 fuq Vodafone.

25 Dawn il-kumpanniji ppreżentaw rikorsi kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio, l-Italja).

26 Permezz ta' sentenzi tat-18 ta' Frar 2013, din il-qorti laqgħet dawn ir-rikorsi u annullat id-deċiżjonijiet ikkontestati, minħabba n-nuqqas ta' kompetenza tal-AGCM. L-imsemmija qorti qieset li, fid-dawl tal-prinċipju ta' speċjalità previst fl-Artikolu 19(3) tal-Kodiċi tal-Konsumatur u stabbilit fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29, u billi l-prattiki inkwistjoni kienu jaqgħu taħt leġiżlazzjoni speċjali li tattribwixxi esklużivament lil AGCom is-setgħat ta' spezzjoni, ta' projbizzjoni u ta' sanzjoni fil-qasam ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar prattiki kummerċjali illegali, f'dan il-każ l-Artikoli 24 u 25 kif ukoll l-Artikolu 26(1)(f) tal-Kodiċi tal-Konsumatur, kienet eskluża u li, konsegwentement, l-AGCM ma kinitx kompetenti sabiex tissanzjona l-prattiki inkwistjoni.

27 L-AGCM appellat minn dawn is-sentenzi quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), il-qorti tar-rinviju, billi b'mod partikolari sostniet li l-prinċipju ta' speċjalità għandu jinftiehem fis-sens li l-leġiżlazzjoni speċjali tista' tapplika biss f'każ ta' diverġenza mil-leġiżlazzjoni ġenerali u bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni speċjali tkun tkopri aspetti speċifiċi ta' prattiki kummerċjali żleali, bir-regolazzjoni tal-fatti analogi għal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni ġenerali, iżda li huma differenti minnhom minħabba element li jagħmilhom speċjali.

28 Is-Sitt Awla tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċidiet li tagħmel domandi preliminari fis-seduta plenarja tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) dwar, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(1)(a) tal-Kodiċi tal-Konsumatur. Hija riedet tkun taf, b'mod partikolari, jekk din id-dispożizzjoni kellhiex titqies li hija regola li tattribwixxi ġurisdizzjoni esklużiva lill-AGCM fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali, minkejja li kien inkwistjoni aġir li jaqa' taħt regoli settorjali speċifiċi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni.

29 Permezz ta' sentenzi mogħtija fid-9 ta' Frar 2016, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat), f'seduta plenarja, iddikjara, essenzjalment, li skont il-kriterju ta' speċjalità previst fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29, hija l-AGCM li għandha kompetenza sabiex tissanzjona "prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha", u dan anki fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. F'dan ir-rigward, ġie rrilevat li, għalkemm il-ksur tal-obbligi ta' informazzjoni jista' jaqa' taħt il-kompetenza tal-AGCom, f'dan il-każ dan il-ksur jimplika t-twettiq ta' prattika kummerċjali aggressiva peress li hija għandha l-effett li tbiddel, jew saħansitra teskludi, il-libertà tal-għażla tal-utenti dwar l-użu u l-ħlas tas-servizzi installati minn qabel, li jista' jwassal sabiex jitqies li din il-prattika tikkonsisti f'li jintalab il-ħlas immedjat jew iddifferit għal prodotti li l-konsumatur ma talabx għalihom.

30 Din il-qorti bbażat ukoll il-pożizzjoni tagħha fuq il-proċedura ta' ksur li kienet inbdiet mill-Kummissjoni Ewropea fil-konfront tar-Repubblika Taljana. F'din il-proċedura, dan l-Istat Membru ġie kkritikat li ma applikax b'mod korrett fil-liġi nazzjonali tiegħu l-prinċipju tar-regola speċjali li jinsab fid-Direttiva 2005/29, li jirregola l-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni ġenerali u l-leġiżlazzjonijiet settorjali speċifiċi u, b'mod partikolari, li naqas milli jittrasponi din id-Direttiva fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

31 Is-Sitt Awla tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) tistaqsi madankollu dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-Artikolu 27(1a) tal-Kodiċi tal-Konsumatur, kif interpretat mis-seduta plenarja tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat).

32 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti sabiex timponi sanzjoni tiddependi fuq il-fatt dwar jekk l-aġir inkwistjoni jistax jiġi kklassifikat bħala "prattiki kummerċjali aggressivi" jew bħala "prattiki kummerċjali aggressivi fiċ-ċirkustanzi kollha". F'dan ir-rigward, hija tirrileva li l-fatt materjali kkritikat lill-kumpanniji inkwistjoni jikkonsisti fl-ommissjoni li l-konsumaturi jiġu informati b'mod korrett. Għall-kuntrarju, il-konstatazzjoni ta' "prattika kummerċjali aggressiva" jew ta' "prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha", fis-sens tal-Artikoli 24 u 25 kif ukoll tal-Artikolu 26(1)(f) tal-Kodiċi tal-Konsumatur, hija bbażata fuq id-deduzzjoni loġika li tgħid li din l-ommissjoni ta' informazzjoni dwar l-installazzjoni minn qabel ta' servizzi fuq is-SIM kards tista' tbiddel b'mod sinjifikattiv il-libertà tal-għażla konxja jew l-aġir tal-konsumatur medju fir-rigward tas-servizzi assoċjati mas-SIM kards u fuq il-fatt li l-imsemmija ommissjoni ma kinitx konformi mal-livell ta' diliġenza professjonali li jista' jkun meħtieġ minn operaturi tat-telefonija, fid-dawl tal-asimmetrija li tikkaratterizza r-relazzjoni bejn il-professjonisti u l-konsumaturi.

33 Hija tosserva wkoll li l-leġiżlazzjoni settorjali stabbilita mill-Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi tistabbilixxi sensiela ta' dispożizzjonijiet intiżi għall-protezzjoni tal-konsumaturi fis-settur speċifiku tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, bl-attribuzzjoni tas-setgħat regolatorji u ta' infurzar korrispondenti lill-AGCom, u bil-previżjoni b'mod partikolari tas-sanzjoni għall-ksur mill-operaturi ta' ċerti obbligi ta' informazzjoni lill-utenti dwar il-forniment tas-servizzi.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda, fil-Kawżi C-54/17 u C-55/17, li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel, f'termini identiċi, lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2005/29 […] jipprekludu interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali korrispondenti ta' traspożizzjoni (ikkostitwiti rispettivament mill-Artikoli 24 u 25 tal-kodiċi tal-konsumatur) li tikkunsidra li l-aġir ta' operatur tat-telefonija li jikkonsisti fin-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni dwar l-installazzjoni minn qabel fuq is-SIM kard ta' ċerti serivizzi telefoniċi (jiġifieri, servizzi ta' riċeviment ta' telefonati jew ta' użu tal-internet) jista' jitqies bħala 'influwenza mhux xierqa' u għaldaqstant bħala 'prattika kummerċjali aggressiva' ta' natura li tbiddel 'konsiderevolment' il-libertà tal-għażla jew tal-aġir ta' konsumatur medju, u dan b'mod partikolari f'sitwazzjoni li fiha l-ebda aġir materjali ieħor ma jkun ġie attribwit lil dak l-operatur tat-telefonija?

2) Il-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29 […] [traspost fid-dritt intern permezz tal-Artikolu 26(1)(f)] jista' jiġi interpretat fis-sens li tkun teżisti 'kunsinna mhux mitluba' meta operatur tat-telefonija mobbli jitlob lill-klijent tiegħu iħallas għas-servizzi ta' riċeviment ta' telefonati jew ta' użu tal-internet u dan f'sitwazzjoni kkaratterizzata mill-elementi li ġejjin:

– l-operatur tat-telefonija, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt tat-telefonija mobbli, ma jkunx informa korrettement lill-konsumatur biċ-ċirkustanza li s-servizzi ta' riċeviment ta' telefonati u ta' użu tal-internet huma installati minn qabel fuq is-SIM kard, bil-konsegwenza li l-imsemmija servizzi jistgħu potenzjalment jintużaw mill-konsumatur inniffsu mingħajr il-bżonn ta' operazzjoni ta' aġġustament għal dan l-għan (*setting*);

– sabiex effettivament jibbenefika minn dawn is-servizzi, il-konsumatur għandu fi kwalunkwe każ iwettaq l-operazzjonijiet neċessarji għal dan l-għan (pereżempju, idaħħal in-numru tas-servizz ta' riċeviment ta' telefonati jew inkella jsegwi l-passi sabiex jattiva l-użu tal-internet);

– ma jkun jeżisti l-ebda lment dwar il-modalitajiet tekniċi u operazzjonali li permezz tagħhom jintużaw b'mod konkret is-servizzi mill-konsumatur, u lanqas dwar l-informazzjoni marbuta ma' dawn il-modalitajiet u mal-prezz tas-servizzi nfushom, iżda jkun biss allegat li l-operatur, kif issemma iktar 'il fuq, naqas milli jipprovdi l-informazzjoni dwar l-installazzjoni minn qabel tas-servizzi fuq is-SIM kard.

3) L-għan tad-direttiva 'ġenerali' Nru 2005/29/KE bħala 'nett ta' sigurtà' għall-protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll il-premessa 10 u l-Artikolu 3(4) tal-istess Direttiva Nru 2005/29/KE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ddaħħal l-evalwazzjoni tal-osservanza tal-obbligi speċifiċi ta' protezzjoni tal-utent, previsti mid-Direttiva settorjali Nru 2002/22/["servizz universali"], fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ġenerali Nru 2005/29/[K]E dwar il-prattiċi kummerċjali żleali, u b'hekk konsegwentement teskludi l-intervent tal-awtorità kompetenti sabiex tindirizza ksur tad-direttiva settorjali fil-każijiet kollha li fihom din tkun tista' tikkonstata li huma ssodisfatti l-kriterji ta' prattika kummerċjali inkorretta/żleali?

4) Il-prinċipju ta' speċjalità sanċit fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva Nru 2005/29/KE għandu jinftiehem bħala prinċipju li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-leġiżlazzjonijiet (leġiżlazzjoni ġenerali u leġiżlazzjonijiet settorjali) jew anki relazzjonijiet bejn regoli (regoli ġenerali u regoli speċjali), jew anki, relazzjonijiet bejn l-awtorità responsabbli mir-regolamentazzjoni jew mis-sorveljanza tal-oqsma kkonċernati?

5) Il-kunċett ta' 'konflitt' previst fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva Nru 2005/29/KE jista' jitqies bħala applikabbli biss f'każ ta' kontradizzjoni radikali bejn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar il-prattiċi kummerċjali irregolari u r-regoli l-oħra tad-dritt derivat tal-Unjoni li jirregolaw aspetti speċifiċi settorjali ta' prattiċi kummerċjali jew inkella huwa suffiċjenti li r-regoli inkwistjoni jkunu jistabbilixxu regolamentazzjoni li ma tkunx taqbel mal-leġiżlazzjoni dwar il-prattiki kummerċjali irregolari inkonnessjoni mal-elementi speċifiċi tas-settur, b'tali mod li jirriżulta kunflitt ta' liġijiet (*Normenkollision*) f'każ partikolari?

6) Il-kunċett ta' regoli [tal-Unjoni] previsti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva Nru°2005/29/KE jirrigwarda biss id-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-regolamenti u fid-direttivi tal-Unjoni kif ukoll id-dispożizzjonijiet li direttament jittrasponuhom, jew jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji li jimplementaw il-prinċipji tad-dritt [tal-Unjoni]?

7) Il-prinċipju ta' speċjalità, previst fil-premessa 10 u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29/KE, u l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva ['Servizz Universali'] u l-Artikoli 3 u 4 tad-[Direttiva Qafas] jipprekludu interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' traspożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li, kull darba li jiġi kkonstatat f'settur irregolat, li jinkludi regolamentazzjoni settorjali tal-konsumatur li fih l-awtorità kompetenti f'dan il-qasam tingħata setgħa regolatorja u repressiva, aġir li huwa kopert mill-kunċett ta' 'prattika agressiva' fis-sens tal-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2005/29/KE jew 'agressivi f'kull ċirkustanza' fis-sens tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE, il-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-prattiki żleali għandha dejjem tiġi applikata u dan anki meta tkun teżisti leġiżlazzjoni settorjali, adottata għall-protezzjoni tal-konsumaturi u fondata fuq dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li tirregola b'mod sħiħ l-istess 'prattiki agressivi' u 'agressivi f'kull ċirkostanza' jew, fi kwalnkwe każ, l-istess 'prattiċi irregolari' [prattiki żleali]?"

35 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-23 ta' Frar 2017, il-Kawżi C-54/17 u C-55/17 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

36 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-atti ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-aġir tal-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jikkonsisti fil-kummerċjalizzazzjoni tas-SIM kards li fuqhom kienu installati u attivati minn qabel servizzi ta' navigazzjoni fuq l-internet u ta' messaġġi vokali, li l-ispejjeż għalihom kienu ffatturati lill-utent jekk ma jkunux ġew diżattivati fuq it-talba espressa ta' dan tal-aħħar, mingħajr ma informaw minn qabel b'mod xieraq lill-konsumatur dwar il-fatt li dawn is-servizzi kienu installati u attivati minn qabel u lanqas dwar l-ispejjeż tagħhom.

37 Minn din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll li s-servizz ta' navigazzjoni fuq l-internet seta' jwassal ukoll, sa mill-ewwel tqegħid ta' dawn is-SIM kards f'mowbajl, jew fi kwalunkwe apparat ieħor, li jippermetti n-navigazzjoni fuq l-internet, għal konnessjonijiet imwettqa mingħajr l-għarfien tal-utent, b'mod partikolari permezz ta' applikazzjonijiet imsejħa "*always on*" (dejjem attivati). Barra minn hekk, mid-deċiżjonijiet tal-AGCM li taw lok għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali jirriżulta li huwa speċifikament bħala konsegwenza ta' lmenti tal-konsumaturi li ġew iffatturati għal spejjeż li jirrigwardaw konnessjonijiet imwettqa mingħajr l-għarfien tagħhom u għal servizzi mhux mitluba minnhom li l-AGCM bdiet il-proċedura li wasslet għas-sanzjonijiet ikkontestati f'dawn il-kawżi.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "prattiki kummerċjali aggressivi", li jirriżulta mill-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2005/29, jew il-kunċett ta' "provvista mhux mitluba", fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri aġir, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsisti, għal operatur tat-telekomunikazzjonijiet li jikkummerċjalizza SIM kards li fuqhom huma installati u attivati minn qabel ċerti servizzi, bħan-navigazzjoni fuq l-internet u l-messaġġ vokali, mingħajr ma jkun informa minn qabel lill-konsumatur b'mod xieraq la dwar din l-installazzjoni u attivazzjoni minn qabel u lanqas dwar l-ispejjeż għal dawn is-servizzi.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li ma huwiex ikkontestat li t-tilwimiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonċernaw prattiki kummerċjali ta' impriżi fir-rigward ta' konsumaturi, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29, u lanqas li s-servizzi inkwistjoni jaqgħu taħt il-kunċett ta' "prodott" kif iddefinit f'dan l-Artikolu 2(ċ). Sabiex tingħata risposta għal dawn l-ewwel u t-tieni domanda, jeħtieġ, għaldaqstant, li jiġi ddeterminat jekk aġir bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax taħt il-kunċett ta' "prattiki kummerċjali żleali", fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29.

40 Dan l-Artikolu 5 jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, il-kriterji għad-determinazzjoni ta' jekk prattika kummerċjali hijiex ta' natura żleali u jispeċifika, fil-paragrafu 4 tiegħu, li huma żleali, b'mod partikolari, il-prattiki kummerċjali li huma "qarrieqa", fis-sens tal-Artikoli 6 u 7 ta' din id-direttiva u dawk li huma "aggressivi", fis-sens tal-Artikoli 8 u 9 tal-imsemmija direttiva. Il-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu jipprevedi, barra minn hekk, li l-Anness I tal-istess direttiva jinkludi l-lista tal-prattiki kummerċjali meqjusa żleali fi kwalunkwe ċirkustanza. F'dan ir-rigward, il-premessa 17 tad-Direttiva 2005/29 tispeċifika espliċitament li l-prattiki elenkati f'dan l-anness huma meqjusa żleali mingħajr ma għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni każ b'każ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 ta' din id-direttiva (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Deroo-Blanquart, C-310/15, EU:C:2016:633, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni dwar jekk aġir, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqax taħt il-prattiki elenkati fl-imsemmi Anness I, u b'mod partikolari fil-punt 29 tiegħu.

42 Il-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29 jipprevedi b'mod partikolari li jaqa' fil-kategorija ta' prattiki kummerċjali aggressivi, meqjusa bħala żleali fi kwalunkwe ċirkustanza, il-fatt li "[j]itlob ħlas immedjat jew differit għar-ritorn jew għall-kustodja ta' prodotti forniti minnu, iżda mhux solleċitati mill-konsumatur […] ('bejgħ mhux mitlub') [provvista mhux mitluba]."

43 Għalhekk jikkostitwixxi "provvista mhux mitluba", fis-sens ta' dan il-punt 29, b'mod partikolari aġir li jikkonsisti, għall-professjonist, f'li jitlob mingħand il-konsumatur il-ħlas għal prodott jew għal servizz li ġie pprovdut lil dan il-konsumatur mingħajr ma dan ikun intalab minn dan tal-aħħar.

44 F'dan il-każ, peress li la l-provvista tas-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali u lanqas il-fatturazzjoni tagħhom, u għalhekk talba għal ħlas min-naħa tal-professjonist ma huma kkontestati, huwa biżżejjed, sabiex tingħata risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda, li jiġi ddeterminat jekk il-provvista tas-servizzi inkwistjoni tistax titqies bħala li ma ġietx mitluba mill-konsumatur.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29 jiddefinixxi l-kunċett ta' "prattika kummerċjali aggressiva" b'mod partikolari mill-fatt li hija tbiddel jew tista' tbiddel b'mod sinjifikattiv il-libertà tal-għażla jew ta' imġiba tal-konsumatur medju fir-rigward ta' prodott. Minn dan isegwi li t-talba għal servizz għandha tikkonsisti f'għażla libera min-naħa tal-konsumatur. Dan jippreżupponi, b'mod partikolari, li l-informazzjoni kkomunikata mill-professjonist lill-konsumatur tkun ċara u adegwata (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Purely Creative *et*, C-428/11, EU:C:2012:651, punt 53).

46 Għandu jitfakkar ukoll li l-informazzjoni pprovduta qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u l-konsegwenzi tal-imsemmija konklużjoni hija, għall-konsumatur, ta' importanza fundamentali (sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Deroo-Blanquart, C-310/15, EU:C:2016:633, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Barra minn hekk, peress li l-prezz jikkostitwixxi, bħala prinċipju, element determinanti f'moħħ il-konsumatur meta dan ikollu jieħu deċiżjoni kummerċjali, il-prezz għandu jitqies li huwa informazzjoni neċessarja sabiex jippermetti lill-konsumatur jieħu tali deċiżjoni b'għarfien sħiħ tal-fatti (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, Canal Digital Danmark, C-611/14, EU:C:2016:800, punt 55).

48 F'dan il-każ, jidher li s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma installati u attivati minn qabel fuq is-SIM kards mingħajr ma l-konsumatur ikun ġie informat minn qabel u b'mod xieraq, u li lanqas ma kien infurmat dwar l-ispiża marbuta mal-użu ta' dawn is-servizzi, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Issa, meta l-konsumatur ma jkun ġie informat la dwar l-ispiża tas-servizzi inkwistjoni u lanqas dwar l-installazzjoni u l-attivazzjoni tagħhom minn qabel fuq is-SIM kard li jkun xtara, huwa ma jistax jitqies li liberament għażel il-provvista ta' tali servizzi.

49 F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-użu tas-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali seta', f'ċerti każijiet, jeħtieġ azzjoni konxja min-naħa tal-konsumatur. Fil-fatt, fl-assenza ta' informazzjoni xierqa dwar l-ispejjeż tan-navigazzjoni fuq l-internet u ta' messaġġi vokali, tali azzjoni ma tistax titqies bħala li tistabbilixxi l-eżistenza ta' għażla libera fil-provvista ta' dawn is-servizzi. Barra minn hekk, is-servizz ta' navigazzjoni fuq l-internet seta' jagħti lok għal konnessjonijiet tal-internet imwettqa mingħajr l-għarfien tal-konsumatur, li jiġġeneraw spejjeż mingħajr ma dan tal-aħħar ikun konxju tagħhom.

50 Bl-istess mod, huwa irrilevanti li l-konsumatur kellu l-possibbiltà li jagħżel, mal-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet ikkonċernati, id-diżattivazzjoni tas-servizzi inkwistjoni fuq is-SIM kard jew li kellu l-possibbiltà, permezz tal-aġġustament (setting) tal-apparat tiegħu, li jiddiżattiva dawn is-servizzi. Fil-fatt, minn naħa, fl-assenza ta' informazzjoni ċara u adegwata kkomunikata minn dawn l-operaturi lill-konsumatur, qabel ix-xiri tas-SIM kard inkwistjoni, dwar l-eżistenza ta' dawn is-servizzi installati u attivati minn qabel kif ukoll dwar l-ispejjeż tagħhom, huwa improbabbli li l-konsumatur ikun realment tpoġġa f'pożizzjoni li jeżerċita tali għażla, tal-inqas qabel ma jkun ġie ffatturat għal dawn l-istess servizzi, fatt li għandu madankollu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

51 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29, il-kunċett ta' konsumatur għandu importanza fundamentali u li, skont il-premessa 18 tagħha, din id-direttiva tadotta bħala kriterju ta' evalwazzjoni lill-konsumatur medju li jkun normalment informat u raġonevolment attent u avżat, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatturi soċjali, kulturali u lingwistiċi (sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Ving Sverige, C-122/10, EU:C:2011:299, punt 22).

52 Issa, ma jidhirx b'mod evidenti li xerrej medju ta' SIM kard jista' jkun konxju mill-fatt li, meta huwa jixtri tali kard, din ikun fiha awtomatikament servizzi ta' messaġġi vokali u ta' navigazzjoni fuq l-internet installati u attivati minn qabel li jistgħu jiġġeneraw spejjeż addizzjonali, jew mill-fatt li, meta huwa jdaħħalha fil-mowbajl tiegħu, jew fi kwalunkwe apparat ieħor, li jippermettu n-navigazzjoni fuq l-internet, applikazzjonijiet jew l-apparat innifsu jistgħu jikkonnettjaw mal-internet mingħajr ma jkun jaf u lanqas li huwa jkollu kompetenza teknika suffiċjenti sabiex iwettaq waħdu l-aġġustamenti meħtieġa għad-diżattivazzjoni ta' dawn is-servizzi jew dawn il-konnessjonijiet awtomatiċi fuq l-apparat tiegħu. Skont din il-premessa 18, hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina r-reazzjoni tipika tal-konsumatur medju f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

53 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, il-kunċett ta' "provvista mhux mitluba", fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri aġir bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

54 L-interpretazzjoni mogħtija fil-punt preċedenti hija, barra minn hekk, ikkonfermata mill-għan imfittex mid-Direttiva 2005/29. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1 ta' din tal-aħħar, hija għandha b'mod partikolari bħala għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Dan l-għan, li jikkonsisti fil-protezzjoni sħiħa tal-konsumaturi kontra l-prattiki kummerċjali żleali, huwa bbażat fuq il-fatt li, fil-konfront ta' professjonist, il-konsumatur jinsab f'pożizzjoni ta' inferjorità, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-livell ta' informazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, UPC Magyarország, C-388/13, EU:C:2015:225, punt 53). Issa, f'qasam daqshekk tekniku bħal dak tal-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz tat-telefonija mobbli, ma jistax jiġi miċħud li teżisti asimmetrija sinjifikattiva tal-informazzjoni u tal-kompetenzi tekniċi bejn dawn il-partijiet.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-prattika f'dak li jirrigwarda l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2005/29.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-kunċett ta' "provvista mhux mitluba", fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29, għandu jiġi interpretat fis-sens li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, huwa jkopri aġir, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsisti, għal operatur tat-telekomunikazzjonijiet, fil-kummerċjalizzazzjoni tas-SIM kards li fuqhom huma installati u attivati minn qabel ċerti servizzi, bħan-navigazzjoni fuq l-internet u l-messaġġi vokali, mingħajr ma jkun informa minn qabel lill-konsumatur b'mod xieraq la dwar din l-installazzjoni u attivazzjoni minn qabel u lanqas dwar l-ispejjeż għal dawn is-servizzi.

Fuq it-tielet sas-sitt domanda

57 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domanda, għandu jiġi kkunsidrat li, permezz tat-tielet sas-sitt domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li aġir li jikkostitwixxi provvista mhux mitluba, skont il-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi evalwat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, bil-konsegwenza li, skont din il-leġiżlazzjoni, l-ANR, fis-sens tad-Direttiva Qafas, ma għandhiex is-setgħa sabiex tissanzjona tali aġir.

58 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29 jipprevedi li, fil-każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u regoli oħra tal-Unjoni li jirregolaw aspetti speċifiċi tal-prattiki kummerċjali żleali, dawn ir-regoli l-oħra għandhom jipprevalu u japplikaw għal dawk l-aspetti speċifiċi. L-imsemmija direttiva tapplika biss, bħala konsegwenza, kif ikkonfermat mill-premessa 10 tagħha, meta ma jkunux jeżistu dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi li jirregolaw aspetti partikolari tal-prattiki kummerċjali żleali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Abcur, C-544/13 u C-545/13, EU:C:2015:481, punt 79).

59 Din id-dispożizzjoni ssemmi espressament kunflitti bejn ir-regoli tal-Unjoni u mhux bejn regoli nazzjonali.

60 F'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "kunflitt", kif ġie rrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 124 u 126 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan jindika relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ikkonċernati li tmur lil hinn minn sempliċi disparità jew sempliċi differenza, li juru li diverġenza impossibbli li tingħeleb permezz ta' formula inklużiva li tippermetti l-koeżistenza taż-żewġ sitwazzjonijiet, mingħajr il-bżonn li jiġu żnaturati.

61 Għaldaqstant, kunflitt bħal dak imsemmi fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29 jeżisti biss meta dispożizzjonijiet barranin għal din tal-aħħar li jirregolaw aspetti speċifiċi ta' prattiki kummerċjali żleali jimponu fuq il-professjonisti, mingħajr ebda marġni għal manuvra, obbligi inkompatibbli ma' dawk stabbiliti mid-Direttiva 2005/29.

62 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi vverifikat jekk id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, u b'mod partikolari d-Direttiva "Servizz Universali" u d-Direttiva Qafas li dwarhom il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, jirregolax aspetti speċifiċi ta' prattiki kummerċjali żleali bħall-provvista mhux mitluba, fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29.

63 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva "Servizz Universali", din, fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas, tikkonċerna l-provvista ta' netwerks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi lill-utenti finali. Hija intiża sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà, fl-Unjoni kollha, ta' servizzi ta' kwalità tajba aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' kompetizzjoni u għażla effettiva u sabiex tittratta l-każijiet fejn il-bżonnijiet tal-utenti finali ma jkunux issodisfatti b'mod sodisfaċenti mis-suq. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva "Servizz Universali" jipprevedi li din għandha tistabbilixxi d-drittijiet tal-utenti finali u l-obbligi korrispondenti tal-impriżi li jipprovdu netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku.

64 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li għalkemm, fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom, l-ANR huma, skont l-Artikolu 8(4)(b) tad-Direttiva Qafas, obbligati li jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni billi jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, id-Direttiva Qafas u d-Direttiva "Servizz Universali" ma jipprevedux armonizzazzjoni sħiħa tal-aspetti relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi (sentenza tal-14 ta' April 2016, Polkomtel, C-397/14, EU:C:2016:256, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dak li jirrigwarda din il-protezzjoni, id-Direttiva "Servizz Universali" tipprevedi, b'mod partikolari, fl-Artikolu 20(1) tagħha, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, waqt l-abbonament għal servizzi li jipprovdu konnessjoni ma' netwerk ta' komunikazzjonijiet pubbliċi u/jew servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku, il-konsumaturi, kif ukoll l-utenti oħra finali l-oħra li jitolbu dan, ikollhom dritt għal kuntratt konklużż ma' impriża jew diversi impriżi li jipprovdu tali konnessjoni u/jew tali servizzi. Din id-dispożizzjoni telenka l-elementi li l-kuntratt għandu mill-inqas jispeċifika f'forma ċara, iddettaljata u faċilment aċċessibbli.

66 Madankollu, minkejja li dan l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva "Servizz Universali" jimponi, fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi ċerta informazzjoni fil-kuntratt, la din id-dispożizzjoni u lanqas ebda dispożizzjoni oħra ta' din id-direttiva ma tinkludi regoli li jirregolaw aspetti speċifiċi tal-prattiki kummerċjali żleali, bħall-provvista mhux mitlub, fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29.

67 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva "Servizz Universali" jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar id-drittijiet tal-utenti finali għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, u għal-leġiżlazzjoni nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Issa, mill-espressjoni "mingħajr preġudizzju għar-regoli [tal-Unjoni] dwar il-protezzjoni tal-konsumatur" jirriżulta li l-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/29 ma hijiex affettwata mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva "Servizz Universali".

68 Minn dan isegwi li ma hemm ebda kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29 u r-regoli stabbiliti mid-Direttiva "Servizz Universali" f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-utenti finali.

69 Għaldaqstant, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawżi prinċipali, ir-regoli rilevanti tad-Direttiva 2005/29 huma applikabbli.

70 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet sas-sitt domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li aġir li jikkostitwixxi provvista mhux mitluba, fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi evalwat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, bil-konsegwenza li, skont din il-leġiżlazzjoni, l-ANR, fis-sens tad-Direttiva Qafas, ma għandhiex is-setgħa sabiex tissanzjona tali aġir.

Fuq is-seba' domanda

71 Permezz tas-seba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29, l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva "Servizz Universali" u l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva Qafas għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, meta teżisti, f'qasam irregolat, skema settorjali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u li, f'dan is-settur, jitwettaq aġir li jaqa' taħt il-kunċett ta' "prattika kummerċjali aggressiva" jew ta' "prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha", fis-sens tad-Direttiva 2005/29, din l-aħħar direttiva għandha dejjem tiġi applikata, u dan anki jekk din il-leġiżlazzjoni settorjali tirregola b'mod eżawrjenti din il-prattika kummerċjali.

72 Għandu jiġi kkonstatat li din is-seba' domanda hija bbażata fuq il-premessa li d-Direttiva "Servizz Universali" u d-Direttiva Qafas jirregolaw, b'mod eżawrjenti, il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u jkopru, b'mod partikolari, aġir li jaqa' taħt il-kunċett ta' "prattika kummerċjali aggressiva" jew taħt il-kunċett ta' "prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha", fis-sens tad-Direttiva 2005/29.

73 Issa, kif jirriżulta mill-analiżi tat-tielet sas-sitt domandi, imwettqa fil-punti 57 sa 70 ta' din is-sentenza, din il-premessa hija żbaljata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata risposta għas-seba' domanda.

Fuq l-ispejjeż

74 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-kunċett ta' "provvista mhux mitluba", fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali), kif korrett permezz tal-Korriġendum għad-Direttiva 2005/29/KE li tħassar u tissostitwixxi t-test ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali 2005, L 149, p. 22, għandu jiġi interpretat fis-sens li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, huwa jkopri aġir, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsisti, għal operatur tat-telekomunikazzjonijiet, fil-kummerċjalizzazzjoni tas-SIM kards (*Subscriber Identity Module*, modulu ta' identifikazzjoni tal-abbonat) li fuqhom huma installati u attivati minn qabel ċerti servizzi, bħan-navigazzjoni fuq l-internet u l-messaġġi vokali, mingħajr ma jkun informa minn qabel lill-konsumatur b'mod xieraq la dwar din l-installazzjoni u attivazzjoni minn qabel u lanqas dwar l-ispejjeż għal dawn is-servizzi**.

2) **L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li aġir li jikkostitwixxi provvista mhux mitluba, fis-sens tal-punt 29 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi evalwat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, bil-konsegwenza li, skont din il-leġiżlazzjoni, l-awtorità nazzjonali regolatorja, fis-sens tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]), kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, ma għandhiex is-setgħa sabiex tissanzjona tali aġir.**

Firem